# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 2 ta' Lulju 2001**

**Numru 2**

**Avviz. numru 580/00mm**

**Atlas Insurance Agency Limited bhala agenti Malta tas-socjeta' estera Axa Insurance p.l.c. proprio u kif surrogata fid-drittijiet ta' Michael Attard Limited**

**vs**

**Seamalta Company Ltd u The Cargo Handling Company Ltd**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ippresentat mis-socjeta' attrici fit-8 ta' Mejju 2000 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom li jhallsuha s-somma ta' tmien mija u erbghin lira u tletin centezmu (Lm840.30c) bhala danni mgarrba mis-socjeta' attrici ai termini ta' polza ta' assikurazzjoni bejn l-attur u l-assigurat tieghu li permezz taghha l-attur kellu jiddenizza lill-assigurat tieghu fl-ammont ta' seba mija u erba u tmenin lira u tletin

centezmu (Lm784.30) danni sofferti fil-merkanzija ta' vetturi Peugeot li waslu Malta fuq il-vapur fl-10 ta' Mejju 1999 ma liema ammont ta' danni jizdied ammont ta' sitta u hamsin lira (Lm56) survey fee inkorsi mis-socjeta' attrici u ghalhekk danni totali fl-ammont ta' Lm840.30.

Prevja d-dikjarazzjoni li huma jew min minnhom kienu responsabbli ghad-danni mgarrba mill-attur.

Bl-ispejjez u interessi mid-data tan-notifika tal-avviz kontra l-konvenuti jew minnhom.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' The Cargo Handling Company Limited fejn eccepiet:

1. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess, ghandu jigi ppruvat li n-nuqqasijiet dedotti fl-avviz ta' l-attur sehhew waqt illi l-vetturi mertu tal-vertenza odjerna kienu fil-kustodja u taht il-kontroll assolut u supervizzjoni tas-socjeta' konvenuta u li l-istess vetturi gew ikkonsennjati lis-socjeta' konvenuta ezenti mill-istess hsarat jew nuqqasijiet.

2. Illi fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjeta' konvenuta m'hijiex responsabbli ghall-hsarat u n-nuqqasijiet dedotti fic-citazzjoni attrici stante li hija qdiet l-obbligi kollha imposti fuqha mill-ligi. Minkejja l-allegazzjoni tas-socjeta' attrici, jigi osservat illi s-socjeta' konvenuta ftit ikollha access ghall-istess vetturi liema vetturi jinzammu mahzuna fil-Car Compound taht is-supervizzjoni kontinwa

ta' l-Awtorita' Marittima. Izjed minn hekk, il-post fejn jinzammu l-vetturi huwa sorveljat permezz ta' *close circuit camera,* u dan taht is-supervizzjoni ta' ufficjali tal-istess Awtorita' Marittima. Dan minbarra l-fatt illi l-vetturi jigu misjuqa minn fuq il-vapur ghal gewwa l-*Car Compound* minn haddiema tax-xatt, liema haddiema ma jaqghux taht ir-responsabbilta' tas-socjeta' konvenuta. Ghaldaqstant, l-intervent tas-socjeta' konvenuta u tar-rappresentanti taghha f'dan il-kaz huwa minimu u jillimita ruhu biss a rigward ta' indikazzjoni fuq fejn ghandhom jigu stivati l-vetturi gewwa l-*Car Compound,* u l-preparazzjoni tad-dokumentazzjoni biex l-istess vetturi jigu kkonsenjati lis-socjeta' importatrici.

3. Illi fit-tielet lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont ta' danni dedott fl-avviz ta' l-attur huwa eccessiv u ghaldaqstant ghandu jigi ppruvat kif l-attur wasal ghal dak l-ammont.

4. Illi fir-raba lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ebda imghax ma hu dovut stante li s-socjeta' konvenuta qatt ma giet interpellata biex thallas ebda ammont ta' danni, u li siccome din si tratta ta' kawza ta' danni, l-likwidazzjoni ta' l-ammont dovut tigi determinata fis-sentenza finali.

5. Illi ghaldaqstant, in vista tal-premess, it-talbiet attrici, inkwantu diretti kontra s-socjeta' konvenuta, huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta Sea Malta Company Limited fejn eccepiet illi:

Fl-ewwel lok, u fi kwalunkwe kaz, id-danni reklamati ma jirrizultawx mit-Tally Sheet rilevanti, kopji ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok A;

Fit-tieni lok il-klawsola tal-esoneru kontenuta fil-polza tal-karigu ghat-tenur ta' liema l-konvenut ma hux responsabbli ghad-danni reklamati;

Fit-tieliet lok it-talba tal-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi fl-10 ta' Mejju 1999 kienu waslu Malta abbord il-vapur *MS Fast Trader* sebgha u erbghin (47) vettura tal-ghamla Peugeot. Dawna gew sbarkati dak inhar stess fl-10 ta' Mejju u gew imqieghda fil-*car compound* taht ir-responsabbilta' tas-socjeta' Cargo Handling. Meta gew sbarkati

saret *joint tally sheet* mir-rappresentant tas-socjeta' Sea Malta u rappresentant tas-socjeta' Cargo Handling. Skond din it-*tally sheet* li kopja taghha hemm esebita a fol 11 tal-process jidher li hemm zewg vetturi li dahlu fil-*compound* diga bil-hsara. Dawna kellhom ic-chassis number 32736302 illi kellha tigi rmunkata u c-chassis number 40292877 illi kellha l-bumper mibrux u kellha xi daqqiet. Dawn il-karozzi baqghu fil-*compound* responsabbilta' tal-Cargo Handling sakemm gew rilaxxati f'idejn l-importatur fit-12 ta' Mejju 1999, fejn dak inhar sar certifikat *gate pass out* minn fejn irrizulta hsarat ulterjuri. Saret ukoll survey minn John Falzon, surveyor tal-importatur Michael Attard Limited assistit minn Mark Micallef surveyor tal-kumpanija assikurattrici. Sussegwentement, saru t-tiswijiet mis-socjeta' Michael Attard Limited u l-invoice ntbaghat lill-kumpanija assikurattrici Atlas Insurance. Din l-invoice hija esibita f'dawn l-atti a fol 32 tal-process. Skond dan id-dokument l-ammont totali ta' tiswija jlahhaq ic-cifra ghal Lm784.28c. Dan l-invoice gie verifikat minn Mark Micallef is-surveyor tal-kumpanija assikurattrici attrici u gie awtorizzat il-pagament. Il-pagament sar u saret id-debita surroga sabiex issir din il-kawza.

Il-Qorti rat dan l-ahhar dokument minn fejn irrizulta illi l-hsarat fiz-zewg vetturi illi rrizultaw fit-tally sheet a fol 11 jammontaw ghal sebgha u ghoxrin lira (Lm27) u mija u tlieta u hamsin lira u tmienja u tmenin centezmu (Lm153.88c) rispettivament. Dawn il-hsarat ma ghandhomx ikunu a kariga tas-socjeta' Cargo Handling peress illi rrizulta car illi kienu diga ezistenti qabel ma dawn il-vetturi dahlu fil-compound responsabbilta' taghha. Il-bqija tal-hsarat pero' huma tar-responsabbilta' tas-socjeta'

Cargo Handling  peress illi rrizulta illi meta saru l-verifiki l-vetturi kienu taht ir-responsabbilta' taghha.

Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi l-ammont reklamat minghand is-socjeta' attrici ghandu jigi ripartit kwantu ghas-socjeta' Sea Malta fis-somma ta' mija u tmenin lira u tmienja u tmenin centezmu (Lm180.88) u ghas-socjeta' Cargo Handling fis-somma ta' sitt mija u tlett liri u tnax-il centezmu (Lm603.12c.)

Fl-avviz is-socjeta' attrici qieghdha titlob ukoll l-ammont ta' sitta u hamsin lira (Lm56) bhala *survey fees* inkorsi sabiex tikkawtela d-drittijiet taghha. Id-dokument li jikkoncerna dan is-survey fee qieghed esebit a fol 34 tal-process. F'din il-kawza qamet kontroversja jekk ghandhomx jithallsu dawn is-survey fees  u jekk iva, f'liema proporzjon. Ma hemmx dubbju, peress illi d-danni li gew akkreditati lill-konvenuti huma diversi, s-survey fee ghandu jkun ukoll partit bejn iz-zewg konvenuti fl-istess proporzjon. Il-fatt jibqa illi dan is-survey kien necessarju minhabba l-hsarat subiti f'dawn il-vetturi, liema hsarat kienu taht ir-responsabbilta' tas-Sea Malta, kif ukoll tal-Cargo Handling. Kieku ma kienux ghal dawn il-hsarat, is-survey ma kienx ghalfejn isir u lanqas il-kawza ma kienet tkun necessarja. La l-Qorti sabet liz-zewg konvenuti responsabbli fi proporzjon diversi ghal dawn il-hsarat ergo il-konsegwenza naturali hija li ghandhom ikunu responsabbli  wkoll ghas-survey fee fl-istess proporzjon, peress li wahda hija konsegwenza diretta ta' l-ohra. Kien in-nuqqas tas-socjetajiet konvenuti illi ppromovew din l-azzjoni ghad-danni u kwindi dan il-hlas ta' survey fees ghandu jitqies bhala parti mid-danni illi gustament ghandhom jigu

mitluba mis-socjeta' attrici, b'dana pero' li s-socjeta' Sea Malta ghandha tkun responsabbli fl-ammont ta' terz u cioe' ta' tmintax-il lira u sitta u sittin cetezmu  (Lm18.66c) u l-Cargo Handling fl-ammont ta' zewg terzi  u cioe' seba' u tletin lira u tnejn u tletin centezmu (Lm37.32c) u ghalhekk dana jgib total dovut mis-socjeta' Sea Malta fl-ammont ta' mija u disa u disghin lira u erba u hamsin centezmu (Lm199.54c) u s-socjeta' Cargo Handling fl-ammont ta' sitt mija u erbghin lira u erba u erbghin centezmu (Lm640.44c.)

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici. Tikkundanna lis-socjeta' Sea Malta li thallasha s-somma ta' mija u disa u disghin lira u erba u hamsin centezmu (Lm199.54c) u lis-socjeta' Cargo Handling is-somma ta' sitt mija u erbghin lira u erba u erbghin centezmu (Lm640.44c) bhala danni mgarrba mis-socjeta' attrici ai termini ta' polza ta' assikurazzjoni bejn l-attur u l-assigurat tieghu li permezz taghha l-attur kellu jiddenizza lill-assigurat tieghu fl-ammont ta' seba mija u erba u tmenin lira u tletin centezmu (Lm784.30) danni sofferti fil-merkanzija ta' vetturi Peugeot li waslu Malta fuq il-vapur fl-10 ta' Mejju 1999 ma liema ammont ta' danni jizdied is- survey fee imsemmi fl-avviz.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz kontra s-socjetajiet konvenuti kwantu ghal zewg terzi ghas-socjeta' Cargo Handling u terz ghas-socjeta' Sea Malta.

Anthony Zammit

Dep Reg